MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 107/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Mercieca**
***… omissis …***
***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Mercieca talli:

1) fil-25 ta’ Settembru 2002 u fi zminijiet precedenti f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, minghajr licenzja moghtija mill-awtorita` kompetenti, ghamel kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr

licenzja mill-awtorita` kompetenti u cioe` silef flus bl-imghax lil diversi persuni;

2) fl-istess cirkostanzi, kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' l-1994, jew xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess ATT XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

3) fl-istess cirkostanzi, ircieva jew kiseb minghand haddiehor xi weghda li jinghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

4) b'diversi atti maghmulin anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil din il-persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaqt li kien jafu li din il-persuna kienet innocenti;

5) fl-istess cirkostanzi, iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

6) b'diversi atti maghmulin anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

7) fl-istess cirkostanzi b'eghmil zieni, ikkorrompa persuna li kienet ghadha m'ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena;

8) fl-istess cirkostanzi ghamel uzu minn sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet u cioe` linja telefonika numru 99443645 provdut minn provditur awtorizzat, ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut;

9) fl-istess cirkostanzi, bil-hsieb li jestorci flus jew haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Mercieca mhux hati tas-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u, wara li rat l-artikoli 18, 101(1)(a), 10(2), 250 u 298C tal-Kodici Kriminali, u l-artikoli 22(1) u 23(2) tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija u, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ordnat li tali piena ma ssehhx hlief jekk l-istess Anthony Mercieca jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien erba' snin mid-data tas-sentenza. Ikkundannatu wkoll ghall-hlas ta' multa ta' hamest elef euro (€5000). Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali, ordnat l-interdizzjoni generali ta' l-istess Anthony Mercieca ghal perijodu ta' ghaxar snin mid-data tas-sentenza u, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu jhallas is-somma ta' tliet mija u erbghin euro (€340) spejjez inkorsi fil-hatra ta' esperti fil-kawza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Mercieca pprezentat fl-10 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-reat ta' kalunja taht l-artikolu 101(1)(a) tal-Kodici Kriminali u tar-reat ta' holqien ta' reat taht l-artikolu 110(2) u f'dik il-parti fejn konsegwentement taht l-artikolu 109 ordnat l-interdizzjoni generali ghal perijodu ta' ghaxar snin mis-sentenza u billi tikkonfermaha fil-kumplament fejn illiberatu u fejn sabitu hati tar-reati l-ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ihossu aggravat bis-sejbien ta' htija tieghu tar-reati kontemplati fl-artikoli 101(1)(a) u 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar ir-reat ta' kalunja skond l-artikolu 101(1)(a), l-appellant jghid illi l-appell jippernja fuq il-punt jekk jistax gustament jitqies li meta huwa baghat iz-zewg ittri lill-Pulizija (liema ittri wasslu ghal investigazzjoni mill-Pulizija u anke ghal certi akkuzi kontra Albert Muscat), kienx jaf li Albert Muscat kien innocenti dwar dak li l-appellant addebita lil Muscat fl-ittri, u kellux l-intenzjoni tal-hsara o meno. L-artikolu msemmi jipprovdi hekk:

**"101. (1) Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati -**

**(a) il-piena ta' prigunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuza falza tkun ta' delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn".**

L-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

(1) li jsir rapport jew tinghata informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti dwar reat u li min qieghed jaghti dik l-informazzjoni jattribwixxi r-reat lil persuna partikolari; (2) li tali rapport jew informazzjoni jinghataw bil-hsieb ta' hsara lill-persuna ndikata; (3) li min jaghmel ir-rapport jew jaghti l-informazzjoni jkun jaf li l-persuna ndikata minnu hi innocenti.

Fil-kaz in ezami l-appellant jaccetta li l-ittri li ntbaghtu lill-Pulizija saru fuq struzzjonijiet tieghu. L-ewwel ittra hija datata 2 ta' Frar 2002 u fiha jissemma Albert Muscat bhala persuna li kienet qed tislef il-flus bl-uzura, li dan Muscat kellu pjan biex tinqatel persuna, u li Muscat ried ihaddem lill-mara tal-persuna li suppost kellha tinqatel biex b'hekk jithallas. Fit-tieni ittra datata 28 ta' Lulju 2002,

jissemmew kemm Albert Muscat kif ukoll ommu Yvonne Muscat bhala persuni li jisilfu l-flus bl-uzura. F'din it-tieni ittra jghid ukoll illi Yvonne Muscat qed thedded certi nies li jekk ma tihux flusha lura, hija ggib persuni ohra u l-flus tehodhom b'sahha.

L-appellant xehed li l-iskop ta' l-ittri li ntbaghtu lill-Pulizija kien li ma jhallasx bl-uzura dak li ssellef (u anke li ssellfet Rita Farrugia) minghand Albert Muscat. Huwa xehed ukoll illi Rita Farrugia stess kienet qaltlu illi Yvonne Muscat, omm Albert, kienet tislef il-flus ghax hi sselfet minghandha.

Il-Professur Sir Anthony Mamo josserva[1] f'dar-rigward:

"The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him. Even in Roman Law – which repressed calumny with the greatest severity – the acquittal of the accused was not reason enough for subjecting the accuser to the punishment for calumny…. Indeed such punishment could not even be applied in the case in which the accuser had acted rashly or with patent imprudence without pondering on the consequences of the accusation he was making. In our law which requires the intent to harm, the same principles apply. The 'harm' to which reference is here made may consist merely in exposing the victim to the <u>possibility</u> of criminal proceedings being taken and punishment awarded against him. Indeed in order that the crime of calumny may subsist the possibility of such proceedings is essential."

[1] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 54.

Jirrizulta, almenu *prima facie*, li kemm l-appellant kif ukoll Rita Farrugia kienu ssellfu flus minghand Albert Muscat skond skritturi, fil-kaz ta’ l-appellant wiehed mid-dokumenti fid-Dok. JC12 u fil-kaz ta’ Rita Farrugia d-dokument a fol. 48 tal-process. Dawn iz-zewg skritturi jindikaw self tas-somma ta’ Lm3,360 kull wiehed u minghajr interessi. Kemm l-appellant kif ukoll Rita Farrugia xehdu li s-somma li fil-fatt issellfu kienet ta’ Lm2,000 u ‘l bqija kienu imghaxijiet. Fid-Dok. JC12 inoltre tirrizulta ittra tal-konsulent legali ta’ l-appellant lil Albert Muscat fejn jinghad li s-somma mislufa minghand Muscat kienet ta’ Lm2,000 u mhux ta’ Lm3,360. Ghalhekk, ghalkemm jista’ jinghad illi fir-rigward ta’ dak li ntqal fl-imsemijin ittri dwar l-uzura, l-appellant kellu “grounds for believing or at least suspecting [them] to be guilty of the offence charged”, mhux l-istess jista’ jinghad dwar l-allegazzjonijiet l-ohra. Per ezempju fl-ewwel ittra jidher li hemm allegazzjoni ta’ ksur ta’ l-artikolu 205 tal-Kodici Kriminali (min igieghel jew ihajjar ghall-prostituzzjoni persuna ta’ l-eta`), ossia t-tentattiv tieghu. Dwar l-allegat pjan biex tinqatel persuna, meta nkitbet l-ittra kien ghadu ma giex introdott l-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali (assocjazzjoni) u ma jirrizultax minn dak li nkiteb li gie allegat il-bidu ta’ l-esekuzzjoni tad-delitt. Imbaghad fit-tieni ittra hemm l-allegazzjoni ta’ theddid minn Yvonne Muscat bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Dwar dawn iz-zewg reati m’hemm l-ebda indikazzjoni li l-appellant kien jaf jew kellu raguni jahseb li l-persuni msemmija kienu hatja tar-reati msemmija. In effetti huwa jghid li kien motivat biss mill-interess dirett tieghu li ma jhallasx is-self ottenut minghand Albert Muscat b’imghax ezorbitanti. Izda dan ma jippermettix li juza l-fantasija biex jakkuza b’reati li kien jaf li ma sehhewx. Konsegwentement, in kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni ta’ ksur ta’ l-artikolu 205 tal-Kodici Kriminali u li jippreskrivi piena ta’ mhux aktar minn sentejn prigunerija, l-appellant kellu jinstab hati skond l-artikolu 101(1)(b) filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta’ ksur ta’ l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali stante li si tratta ta’ kontravvenzjoni, l-appellant kellu jinstab hati skond l-artikolu 101(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

L-appellant jilmenta wkoll mis-sejbien ta’ htija skond l-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi:

**“Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sena.”**

Fir-rigward ta’ dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid[2]:

“This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation…. The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person”

Fl-ittri msemmija l-appellant specifika l-persuni li dwarhom kien qieghed jakkuza l-kommissjoni ta’ certi reati. Kwindi ma setax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl ta’ dak kollu suespost irid ikun hemm necessarjament temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tideciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni u minflok ma ssibux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu sentejn

[2] *Op. cit.* p. 59 – 60.

prigunerija sospizi ghal erba’ snin u minflok tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija liema sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament salv li l-perijodu ta’ interdizzjoni generali jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Fl-ahharnett tordna li l-kundanna ghall-interdizzjoni generali ghal perijodu ta’ ghaxar snin millum jigi pubblikat mir-Registratur fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------